MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 424/2014

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fl-erba' (4) ta' April tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) fir-Registru Pubbliku, Valletta, att taz-zwieg numru 317/1994;

Illi r-rikorrenti ssepara legalment minn ma' martu l-intimata CD u dana in virtu ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Marco Farrugia datat 16 ta' April 1996, kopja legali hawn taht annessa bhala Dok. 'A' u ghaldaqstant ilhom aktar minn erba' snin separati legalment minn xulxin;

Illi miz-zwieg bejn il-partijiet ma twieldu l-ebda tfal;

Illi in oltre skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni ai termini tal-klawsola numru 2 fit-tieni pagna tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jippercepixxu il-manteniment minghand xulxin, u kwindi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment;

Illi ma jezisti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, tenendo kont taz-zmien sostanzjali illi ilhom legalment separati u stante li l-partijiet it-tnejn ghandhom il-hajja privata taghhom separata minn xulxin;

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet Khodor Khalifa u Nazzarena sive Irene Gravina b'divorzju u dana ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi jirregistrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha teccepixxi :

1. Illi l-esponenti m'hijiex qed topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti, b'dan illi hija m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;
2. Salv risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Ottubru, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' April 1996;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------